Diff: 15/04/2002

# TRIBUNAL GHAT-TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR:**
**Dr Audrey J. Demicoli LL.D.**

**Avviz numru 956/01AJD**

**Ambrogio Noel**

**vs**

**Ambrose Limited**

**Seduta mizmuma illum l-Erbgha, 20 ta' Marzu 2002**

**L-attur Noel Ambrogio minn jeddu, bil-Malti, bil-gurament tieghu jghid:**

**Fil-bidu tal-1999 jiena bdejt nahdem mas-socjeta konvenuta liema socjeta tappartjeni lill-missieri. Jiena kont naghmel xoghol ta' accounts u xoghol iehor relatat.**

**F'Dicembru 2000, gie terminat l-impjieg tieghi mas-socjeta konvenuta. Kien ghad baqali niehu is-somma ta' Lm1580 bhala arretrati ta' paga. Saret skrittura liema skrittura giet redatta minn Dr. Stefano Filletti fejn gie miftiehem li dan l-ammont li ghadni kemm semmejt kellu jithallas lili tul perjodu ta' hames xhur. Is-socjeta konvenuta obbligat ruha li thallasni Lm156 fix-xahar.**

**Hija effetwat biss zewg pagamenti. Nikkoregi ruhi li kella thallasni l-ammont ta' Lm316 fix-xahar u fil-fatt is-socjeta konvenuta hallsitni biss zewg pagamenti ta' Lm316.**

**F'Gunju 2001 jiena baghat ittra ufficjali lis-socjeta konvenuta fejn jien interpellajta thallas il-bilanc li kien ghadu dovut lili bhala arretrati ta' paga skond l-iskrittura li semmejt qabel u f'Lulju 2001, saret skrittura ohra li tinsab esebita a fol 32 tal-process, fejn giet annulata skrittura precedenti u fejn gie miftiehem li s-socjeta konvenuta kien ghad jonqosa thallasni is-somma ta' Lm 948 bhala arretrati ta' paga u hi obbligat ruha li thallasni dan l-ammont tul perjodu ta' tlett xhur.**

**Jiena f'din l-iskrittura kont obbligajt ruhi li nqatta certu sieghat ghand is-socjeta konvenuta sabiex nghati handover lil accounts clerk illi kien impjegat mas-socjeta konvenuta. Jiena fil-fatt kont attendejt diversi drabi izda l-accounts clerk qatt ma kien prezenti u spiccajt li kont qed naghmel ix-xoghol tieghu jiena.**

**X'hin wasal iz-zmien li jigi effetwat l-ewwel pagament, is-socjeta konvenuta naqset milli taghmel dan u ghalhekk jien ma komplejtx immur ghand is-socjeta konvenuta sabiex nghati handover.**

**Xi ftit taz-zmien qabel ma intavolajt il-kawza odjerna, jiena kont ktibt lis-socjeta konvenuta. Tlabta li teffetwa l-pagamenti li kienu ghadhom dovuti u infurmajta li fil-kaz li jigu effetwati il-pagamenti, jiena kont dispost li immur nghati handover, izda is-socjeta konvenuta naqset milli teffetwa il-pagamenti relattivi u ghalhekk jien kelli nintavola il-procedura odjerna.**

**Il-kontro-ezami riservat.**

**Din hija is-sustanza tax-xhieda tal-attur Noel Ambrogio dettata mit-Tribunal fil-presenza tax-xhud.**

**Niddikjara li ttraskrivejt fis-sewwa u fedelment u fl-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-tape.**

**Vincent Cauchi**
**Traskrittur**